SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN

**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 04/K6/08

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 15/05/'08** **233**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 15/05/'08** **286**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-Laqgħa li saret nhar il-Ħamis 15 ta' Mejju 2008.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fis-2.00 p.m.

1.03 Preżenti: Sitt membri tal-Kunsill, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker u l-iskrivana Roberta Sammut.

1.04 Skużat: Il-Viċi Sindku Karl Gouder.

1.05 Kien hemm preżenti l-Accountant tal-Kunsill is-Sur Louis Padovani.

1.06 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.

## 1.2. Aġenda

1.2.01 Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppublikat fit-8 ta' Mejju 2008. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Ħatra ta' Karigi.
4. Approvazzjoni tal-Quarterly Financial Report sal-31/03/08.
5. Approvazzjoni tal-Financial Statements.

6. Ġemellaġġ.
7. Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet
8. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

## 1.3 Approvazzjoni tal-Minuti

1.3.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Minuti 01/K6/08 u Minuti 02/K6/08 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni ta' Minuti 01/K6/08 u Minuti 02/K6/08.

1.3.03 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

1.3.05 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Minuti 03/K6/08 għall-approvazzjoni filwaqt li ressaq emenda sabiex f'paġna 1 il-Kunsillier Richard Scicluna jitniżżel skużat u mhux assenti għal din il-laqgħa.

1.3.06 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ssekondah.

1.3.07 Il-Kunsill qabel unanimament.

1.3.08 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni ta' Minuti 03/K6/08 kif emendati.

1.3.09 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ssekondah.

1.3.10 Il-Kunsill qabel unanimament.

1.3.11 Iċ-Chairman Peter Bonello talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi *items* 4 u 5 qabel *items* 2 u 3.

1.3.12 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

## 4 Approvazzjoni tal-Quarterly Financial Report sal-31/03/08

4.01 Il-Kunsill ġie pprezentat b'kopja tal-Quarterly Financial Report sal-31/03/08 (Ara Appendiċi 'A').

4.02 L-Accountant tal-Kunsill is-Sur Louis Padovani ta spjegazzjoni ta' dan ir-rapport u ġie spjegat fid-dettal li għal din is-sena finanzjarja li tibda mill-1 t'April 2008 sal-31 ta' Marzu 2009 il-Kunsill għandu jkun aktar kawt fl-infieq u jimxi aktar ma' l-*Budget.*

4.03 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tal-Quarterly Financial Report sal-31/03/08.

4.04 Il-Kunsillier Richard Scicluna ssekondah.

4.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

**5 Approvazzjoni tal-Financial Statements**

5.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat b'kopja tal-Financial Statements sal-31/03/08 (Ara Appendiċi 'B').

5.02 Is-Sur Louis Padovani ta spjegazzjoni ddettaljata dwar dan ir-rapport u ġibed l-attenzjoni li qiegħed jagħmel eżerċizzju biex jipprova jqabbel il-*Fixed Assets Plant Register* man-*Nominal Ledger*. Dan jista jirriżulta li l-figuri tad-deprezzament jinbidlu.

5.03 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

5.04 Wara diskussjoni qasira l-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tal-Financial Statements.

5.05 Il-Kunsillier Richard Scicluna ssekondah.

5.06 Il-Kunsill qabel unanimament.

5.07 Is-Sur Louis Padovani ġie skużat fit-2.55p.m.

**2 Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman Peter Bonello. Dawn huma:-

| Rif. Nru. | Korrispondenza |
|---|---|
| 1053 | Ittra mingħand l-ADT rigward Sleeping Policeman fil-parti t'isfel ta' Triq Manwel Dimech. |
| 1145 | Ittra mingħand il-Każin tal-Banda San Ġiljan rigward il-Programm Mużikali Annwali. |
| 1167 | Ittra mingħand l-Għaqda Maltija ta' l-Ortikultura rigward '*The Great Spring Show'* u ċertifikat ta' parteċipazzjoni. |
| 1336 | Ittra mingħand il-Wise Owl Publications rigward sett ta' tmien kotba. |
| 1358 | Ittra mingħand id-Direttur, Dipartiment għall-Gvern Lokali, rigward l-operat tal-Kunsill. |
| 1395 | Ittra mingħand l-AKL rigward tiġdid ta' l-iskema tas-Saħħa (*Health Policy*). |
| 1412 | Ittra mingħand l-AKL rigward l-Assigurazzjoni dwar flus fil-Kunsilli Lokali. |
| 1434 | Ittra mingħand l-AKL rigward l-iSkema ta' Separazzjoni ta' Skart Bieb Bieb. |
| 1437 | Ittra mingħand is-Sur David Soler, l-Uffiċċjal Awtorizzat, rigward ittra ta' awtorizzazzjoni. |
| 1451 | Ittra mingħand l-AKL rigward Bus Shelters. |
| 1495 | Ittra mingħand Ms Jennifer Debono rigward *refund*. |
| 1548 | Ittra mingħand il-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali rigward taħwil ta' siġar Indiġeni Maltin. |
| 1554 | Ittra mingħand id-Dipartiment tas-Servizzi għall-Istudent rigward korsijiet fl-Ingliż Bażiku. |
| 1659 | Ittra mingħand is-Sur Leonard Zammit rigward il-magazine annwali tal-Klabb tan-Neptunes. |

1738&K244 Fatturi mingħand il-Leon Promotions rigward l-attivita' tal-Karnival f'San Ġiljan.

1744 Ittra mingħand il-Kunsill Lokali Qala rigward il-Qala *International Folk Festival*.

1775 Ittra mingħand is-San Ġiljan Aquatic Sports Club rigward l-*Annual International Waterpolo tournament*.

1786 Ittra mingħand ir-Razzett tal-Ħbiberija rigward *Fundraising Activity*.

1812&1845 Ittri mingħand l-MRES rigward *Paving Works in Paceville*.

1865 Ittra mingħand il-Kunsilliera Irene Borg rigward resurfacing f' Ta' Ġiorni.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. 1145

2.02 B'riferenza għall-ittra mingħand il-Każin tal-Banda San Ġiljan ġie deċiż unanimament illi b'kollaborazzjoni magħhom jittella' Programm Mużikali Annwali f'Xatt is-Sajjieda u li jitħallas l-ammont ta' €232.94 bħala parti mill-ispejjez.

Rif. Nru 1336

2.03 R'riferenza għas-sett ta' kotba mingħand il-Wise Owl Publications ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jixtri dawn il-Kotba.

Rif. Nru. 1437

2.04 Saret riferenza għall-ittra mingħand is-Sur David Soler, Uffiċċjal Awtorizzat, tal-Local Enforcement System, Sliema Joint Committee – Group H. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li tiġi ffirmata ittra ta' awtorizzazzjoni mitluba mill-Bank sabiex ċekkijiet maħruġa fl-isem il-Kunsill b'konnessjoni mal-Local Enforcement System jiġu depożitu fl-Operating Account 400 118764 87 tal-Kumitat Konġunt Sliema.

Rif. Nru. 1451

2.05 B'riferenza għall-ittra mingħand l-AKL rigward Bus Shelters ġie deċiż unanimament illi jimtela' l-kwistjonarju kif ġej:-

- Mistoqsija nru.1 - tiġi mwieġba skond l-informazzjoni li diġa għandu l-Kunsill;

- Mistoqsija nru. 2. – hemm bżonn li jiġi nstallat Bus Shelter ħdejn il-Pjazza Balluta;

- Mistoqsijiet nri. 3 sa 5 – jiġu mwieġba IVA;

- Mistoqsija nru. 6 – tiġi mwieġba li l-Kunsill ma jaqbilx illi wieħed irid joqgħod jistenna sakemm ikun hemm ordni ta' mhux inqas minn 50 Bus Shelter, biex issir l-ordni, skond kif jirriżulta minn din l-ittra u fil-fatt l-istess Kunsill ilu ċirka erbgħa' (4) snin li ordna l-Bus Shelters li sa llum għadhom ma ġewx provduti.

2.06 Ġie deċiż unanimament li kopja tal-kuntratt li ġie ffirmat bejn l-AKL u l-Faces Consultants Ltd jingħata lill-Kunsillier Edgar Montanaro.

Rif. Nru. 1495

2.07 B'riferenza għall-ittra mingħand is-Sinjura Jennifer Debono ġie deċiż unanimament illi tiġi rifonduta l-ammont ta' € 367.02 (Lm 157.56), nieqes l-ammont tad-depositu ta' € 58.23 (Lm 25.00), li ħallset biex isir xogħol b'konnessjoni ma' *street lighting*. Dan minħabba li x-xogħol ma sarx.

Rif. Nru. 1548

2.08 B'riferenza għall-ittra mingħand il-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali rigward taħwil ta' Siġar Indiġeni Maltin ġie deċiż unanimament illi jiġi ssuġġerit li jitħawlu f'Wied Għomor u li jinbidlu s-siġar li hemm fil-car park tat-Tigulio.

Rif. Nru. 1659

2.09 B'riferenza għall-ittra mingħand is-Sur Leonard Zammit rigward il-magazine annwali tal-Klabb tan-Neptunes ġie deċiż unanimament illi jsir reklam għall-ammont ta' €275

peress li dan il-magazine jinqara minn diversi nies u jservi biex jingħata tgħarif sportiv.

Rif. Nru. 1738

2.10 B'riferenza għall-fatturi mingħand il-Leon Productions rigward l-attivita' tal-Karnival f'San Ġiljan ġie deċiż unanimament li l-fatturi jintbagħtu lura u s-Sur Noel Castillo u jiġi nfurmat biex jindirizzahom lill-Malta Tourism Authority. Dan peress li qatt ma kien hemm xi arranġamenti mal-Kunsill.

Rif. Nru. 1744

2.11 B'riferenza għall-ittra mingħand il-Kunsill Lokali Qala dwar il-Qala International Folk Festival, ġie deċiż unanimament li l-Kunsill Lokali Qala jiġi nfurmat li:

- l-Kunsill interessat li għal sena oħra konsekuttiva jerġa jipparteċipa f'dan il-festival;

- il-Kunsill jixtieq ikun jaf kemm ser ikun hemm parteċtipanti f'dan il-festival u x'qed jistenna l-Kunsill tal-Qala mingħand il-Kunsill Lokali San Ġiljan;

Rif. Nru. 1775

2.12 B'riferenza għall-ittra mingħand is-San Ġiljan Aquatic Sports Club ġie deċiż unanimament illi l-*Annual International Waterpolo Tournament* jiġi organizzat b'kollaborazzjoni mal-Kunsill u jingħataw €1164.68 (Lm 500.00) bħala parti mill-ispejjeż għal din l-attivita'.

Rif. Nru. 1786

2.13 B'riferenza għall-ittra mingħand ir-Razzett tal-Ħbiberija ġie deċiż unanimament illi jingħataw donazzjoni ta' €232.94 (Lm 100.00).

Rif. Nru. 1865

2.14 B'riferenza għall-ittra mingħand il-Kunsilliera Irene Borg dwar toroq f'Ta' Ġiorni li għandhom bżonn resurfacing ġie deċiż unanimament illi jekk il-Kunsill jingħata xi fondi dawn it-toroq

jiġu kkunsidrati. Madankollu nġibdet l-attenzjoni li bejn Marzu u April 2008 sar manutenzjoni fihom.

**3 Ħatra ta' Karigi**

3.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat b'kopja ta' dokument ta' kif is-Sindku Peter Bonello ħaseb li għandhom jitqassmu l-karigi u ż-żoni. (Ara Appendiċi 'Ċ').

3.02 Wara diskussjoni qasira l-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjioni ta' dan id-dokument.

3.03 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondah.

3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**6 Ġemellaġġ**

6.01 Iċ-Chairman nforma lill-Kunsill li nhar it-Tlieta 15 t'April 2008 Hu u s-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker, kellhom laqgħa mas-Sur Fu Zhimin (Counsellor) u Ms Zheng Shouhui (Attache' and Consular Officer) rappreżentant ta' l-Ambaxxata Ċiniża fejn ġiet diskussa l-possibilita' li jsir ġemellaġġ ma' Shilin County. Post li huwa fil-lvant tal-Yunnan Plateau (Ara Dokument 'D').

6.02 Iċ-Chairman ġibed l-attenzjoni li fil-leġislatura l-oħra l-Kunsill kien diġa wera nteress ma' l-Ambaxxatur Ċiniż, f'diversi okkażjonijiet, li jsir ġemellaġġ maċ-Ċina.

6.03 Il-Kunsill ġie nfurmat li s-Sur John Agius ġie mitlub jipprepara nformazzjoni fuq il-Lokalita' biex din tintuża għall-ġemellaġġ.

6.04 Wara diskussjoni qasira l-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona li :-

- jibdew il-proċeduri sabiex jiġi approvat dan il-ġemellaġġ;
- jiġi ppreparat id-dokument mis-Sur Agius;
- dan id-dokument, meta jkun lest, jintbagħat lill-Ambaxxata Ċiniża u lill-awtoritajiet ikkonċernati;

- jiġu allokati l-finanzi meħtieġa.

6.05 Il-Kunsilliera Irene Borg Issekondatu.

6.06 Il-Kunsill qabel unanimament.

6.07 Saret riferenza għat-terremot li għamel iċ-Ċina u għan-numru konsiderevoli ta' vittmi li ħalla. Ġie deċiż unanimament illi tintbagħat ittra ta' kondoljanzi lill-Ambaxxata Ċiniża.

**7. Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet**

7.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'E').

7.02 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

7.03 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

7.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**8 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

8.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 2446 sa 2464 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'F').

8.02 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets.

8.03 Il-Kunsillier Ronaldo Agius ssekondah.

8.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

8.05 Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

8.06 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

## 9 Materji Oħra

9.01 Il-Kunsill ġie nfurmat illi nhar il-Ħamis 10 t' April 2008 numru sabiħ ta' residenti marru jagħtu d-demm f'attivita' organizzata mil-Lukanda Le Meridien b'kollaborazzjoni mal-Kunsill.

9.02 Din l-attivita' kienet suċċess u għalhekk ġie deċiż unanimament illi:-

a) din l-attivita' tibda ssir darba fis-sena;

b) Il-każini tal-banda u l-klabbs tal-lokalita' jiġu mitluba jikkolaboraw f'din l-attivita';

c) Il-Klabb jew Għadqa li jirnexxielhom jiġbru l-akbar numru ta' nies li jagħtu d-demm jingħataw trophy u €232.29 (Lm100.00) bħala parti mill-ispejjeż għall-Klabb.

9.03 Il-Kunsill ġie nfurmat illi l-aħħar pagament li l-Kunsill irċieva mingħand l-LES Joint Committee għall-ammont ta' €20,143 bi żball ġie ddepożitat fil-kont tal-HSBC minflok tal-BOV.

9.04 Il-Kunsill ma oġġezzjonax.

9.05 Il-Kunsill ġie nfurmat illi s-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker attendiet training programme dwar ***Improving Customer Relations*** organizzat mill-iStaff Development Organization b'kollaborazzjoni mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Il-Kunsill ġie ppreżentat biċ-ċertifikat ta' attendenza li rċeviet (Ara Appendiċi 'G').

9.06 Ġie deċiż unanimament illi:-

a) Tintbagħat ittra lill-MTA biex jiġu rranġata l-latrini pubbliċi tal-lokalita' peress li dawn huma fi stat ta' mistħija;

b) Li s-Sindku jkellem lill-perit responsabbli dwar r-resurfacing ta' Triq Albert Mayr;

c) Issir laqgħa mas-Supt Sharon Tanti biex jiġu diskussi l-attivitajiet li jsiru fil-lokalita' u l-ħruġ tal-permessi tagħhom;

d) Meta jinħareġ permess għal xi attivita', fejn ikun mistenni inflazz ta' nies fil-lokalita', l-applikant ikun obbligat li jħallas għas-servizz ta' żewġt gwardjani lokali biex jiġi kkontrollat it-traffiku;

e) Tintbagħat ittra lill-Kappillan ta' San Ġiljan fejn:

- tinġibed l-attenzjoni li qed jintbagħtulu avviżi u dawn mhux qed jinqraw. Għalhekk il-Kunsill jixtieq ikun jaf jekk hemmx xi *policy* għal dan.

- Il-Kunsill jistaqsi jekk tistax titwaħħal *notice board* taħt l-arkati tal-knisja ħdejn l-oħrajn.

9.07 Inġibdet l-attenzjoni li f'dawn l-aħħar ġimgħat kien hemm aktar sorveljanza tal-pulizija f'Paceville.

9.08 Il-Kunsillier Richard Scicluna nforma lill-Kunsill illi bi ħsiebu jibda jorganizza attivitajiet *self-funding.*

9.09 Iċ-Chairman ġibed l-attenzjoni li l-Kunsill għandu jiġi nnotifikat bl-attivitajiet li jkunu ser jsiru.

9.10 Il-Kunsilliera Irene Borg infurmat lill-Kunsill li bħala self funding activites:-

a) saret weekend break fis-26 u 27 t'April 2008 fil-Qawra Palace Hotel. Għal din l-attivita' attendew 20 persuna.

b) saret ħarġa fl-okkażżjoni ta' Jum l-Omm fis-7 ta' Mejju 2008 għaż-Żebbieħ-Mġarr, il-Manikata u d-Danish Village fil-Mellieħa.

c) ser issir ħarġa f'Ġunju fl-okkażjoni ta' Jum il-Missier;

d) f'Lulju ser isir BBQ;

e) f'Awissu ser issir Pasta Night.

9.11 Peress li din is-sena l-Kunsill ma għamilx l-attivita' għall-anzjani, ġie deċiż unanimament li l-ispiża tat-trasport għall-attivita' li saret fis-7 ta' Mejju titħallas mill-Kunsill.

9.12 Il-Kunsilliera ġew nfurmati sabiex sa l-aħħar ta' Mejju 2008 jippreżentaw l-artiklu għall-magazine lill-amministrazzjoni.

9.13 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li f'kull ħarġa tal-magazine ikun hemm artiklu miktub b'ingliż.

9.14 Ġie deċiż unanimament illi l-laqgħat tal-Kunsill jibdew isiru fis-2.00 p.m.

9.15 Iċ-Chairman Peter Bonello għalaq il-laqgħa fil-5.00p.m.

**Peter Bonello**
**Sindku**

**Helen Walker**
**Segretarju Eżekuttiv**